ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 24 IT-TLIETA 3 TA' DIĊEMBRU 2013**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tlieta 3 ta' Diċembru 2013 fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-6.40 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Ħdax-il Kunsillier)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina, Ralph Puli Bjorn Azzopardi, Charles Farrugia, Robert Reno Cremona (attenda fis-7.07pm), Jason Busuttil, Jerome Caruana Cilia, Margaret Merciea Antoine Saliba Haig, Sean Meli u l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Tyrone Borg.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba.

**24/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 23**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 23 li nżammet nhar il-Ħamis 7 ta' Novembru 2013, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera 10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 23 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**24/02** **MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**24/02/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li għal darb'oħra il-Kunsill Lokali Ħal Qormi reġa' rebaħ il-premju tal-aktar Kunsill li jaħdem għall-Isport mogħti mill-Kumitat Olimpiku Malti. Is-Sindku sostniet li dan il-premju jirrikonoxxi l-ħidma tal-Kunsill fil-kamp sportiv.

**24/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li fir-rigward tal-flus li kellhom jitħallsu mill-izviluppatur tal-ex-Lowenbrau kif deċiz mill-Bord tal-Appelli tal-MEPA, liema fondi għandhom imorru fl-Urban Improvement Fund li jistgħu jiġu użati mill-Kunsill Lokali fi proġetti, il-Kunsill kiteb lill-MEPA biex il-Kunsil jara meta dawn il-flus se jitħallsu u jkunu għad-dispozizzjoni tal-Kunsill għal proġetti ta' tisbiħ fil-lokalita'.

**24/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsilll li f'laqgħa li kellha flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv fl-Iskola Primarja ta' San Ġorġ ġiet studjata l-possibilita' li l-librerija titkabbar. L-unika possibilita' li ġiet individwata hija li jsir lift u b'hekk l-Iskola tkun ukoll aċċessibbli fis-sular ta' fuq. Il-Kunsill għandu jqabbad il-perit tal-Kunsill biex jistudja din il-possibilita' u jressaq pjanti li għandhom jintbagħtu lill-Ministeru tal-Edukazzjoni fejn se ssir pressjoni biex isir dan il-lift u xogħol ieħor biex titkabbar il-librerija.

**24/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-proġett ta' tisbiħ tal-ġnien fi Triq Alexandra se jiġi diskuss fil-Bord tal-MEPA għall-approvazzjoni tal-permess fis-6 ta' Diċembru. **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** issuġġerixxa li r-residenti ta' dik it-triq għandhom jiġu infurmati bis-seduta tal-Bord u mħeġġa jattendu ħalli jsemmgħu leħinhom. Il-Kunsill qabel *nem.con*.

**24/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li se jiġi organizzat *coffee morning* fil-11 ta' Diċembru fil-Buskett Roadhouse.

**24/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-ikla fl-okkażjoni tal-Milied bejn il-Kunsilliera u l-istaff se ssir fil-10 ta' Jannar 2014.

**24/02/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li wara li kien hemm xi artikli fuq xi ġurnali lokali dwar id-dewmien tal-proġett ta' kontra l-għargħar partikolarment fil-parti tal-pont ta' Triq il-Mitħna liema xogħol beda fid-19 ta' Awwissu, il-Kunsill ingħata indikazzjoni li l-pont ta' Triq il-Mitħna se jinfetaħ fil-ġranet li ġejjin. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob laqgħa mal-Ministeru responsabbli mix-xogħlijiet u l-kuntrattur li qed jagħmel ix-xogħlijiet biex jingħataw indikazzjonijiet ċari kif se jitkompla x-xogħol u assigurazzjonijiet li x-xogħol ikun lest sal-aħħar ta' Mejju 2014.

**24/02/08** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li fir-rigward tar-restawr tal-istatwa ta' San Ġuzepp, il-perit għandu jitlob laqgħa mal-kuntrattur peress li għad hemm affarijiet x'jittranġaw, partikolarment fil-pedestall.

**24/02/09** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li ġiet mitluba proprja minn membru tal-Kumitat tal-Għaqda Socjo-Muzikali Anici dwar il-fatt li hi u l-Viċi-Sindku biss mill-Kunsill attendew għall-funzjoni li organizzat l-istess għaqda. **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** xtaq jirreġistra li l-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni tal-għaqdiet biex kemm jista' jkun ma jiġux organizzati attivitajiet fl-istess ġranet u ħinijiet.

**24/02/10** **Il-Kunsillier Robert Reno Cremona attenda għal-laqgħa.**

## 24/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' NOVEMRU 2013

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Novembru 2013, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Novembru 2013
**b)** *Bank Payments* Novembru 2013.
**c)** *Petty Cash* Novembru 2013.

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Charles Farrugia** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Ħdax** Kunsilliera (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva** l-pagamenti kollha.

## 24/04 MOZZJONIJIET

### 24/04/01 MOZZJONI – 88-2013(VI)

**Is-Sindku Rosianne Cutajar stiednet lill-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina sabiex jaqra il-mozzjoni mressqa minnu:**

*"Peress li jinsab ghaddej ix-xoghol tar-restawr tal-Knisja iz-zghira ta' San Bastjan, nipproponi sabiex il-Kunsill jaghmel bankini godda mad-dawra li jinkludu wkoll rampa u z-zuntier tal-istess Knisja, kif ukoll li jsiru żewġ fanali ornamentali.*

*Nipproponi li l-finanzjament ta' din il-progett ikun mill-UIF.."*

**Is-Sindku Rosianne Cutajar issekondat din il-mozzjoni.**

**Ivvutaw Favur Ħdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova il-mozzjoni 88-2013 (VI). Il-perit tal-Kunsill għandu jikkuntattja lill-perit tal-proġett tar-restawr tal-Knisja sabiex isiru l-arranġamenti meħtieġa biex isiru l-applikazzjonijet neċessarji.**

**24/04/02** **MOZZJONI – 89-2013(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar stiednet lill-Kunsillier Charles Farrugia sabiex jaqra il-mozzjoni mressqa minnu:**

*"Peress li l-Kunsill Lokali ghandu ghal qalbu l-patrimonju lokali fil-lokalita';*

*Peress li l-Kappella ta' San Frangisk ghandha valur storiku kbir fil-lokalita' taghna;*

*Peress li din l-istess Kappella tinsab fi stat ta' bzonn ta' restawr;*

*Bhala Kunsillier responsabbli mill-wirt storiku indagajt dwar kif din il-kappella tista' tigi restawrata, fejn gejt infurmat li jezisti fond fi hdan il-MEPA dwar restawr ta' dan it-tip u fejn hemm ir-rieda biex din il-kappella tigi restawrata, izda li hemm bzonn li t-talba ssir mill-Kunsill Lokali.*

*Nipproponi biex il-Kunsill Lokali jiffacilita' l-process ghall-finanzjar ta' dan il-progett mill-fondi tal-EIPP tal-MEPA, billi japplika ghall-permess tal-MEPA kif ukoll ghall-iffinanzjar tal-istess progett f'isem is-sidien tal-Kappella peress li ghandha valur storiku u importanti ghall-lokalita taghna. Il-Kunsill ikollu biss rwol ta' supervizjoni filwaqt li x-xogholijiet u l-finanzjar tal-progett ikunu taht ir-responsabbilta' tas-sidien tal-istess Kappella."*

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ssekondat l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Ħdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova il-mozzjoni 89-2013 (VI). Il-Kunsill għandu jikteb lill-MEPA għall-fondi u fl-istess ħin għandu jagħmel ftehim mas-sid tal-kappella biex f'din il-kappella tkun tista' tinfetaħ għall-pubbliku billi jsiru fiha kunċerti u esibizzjonijiet tal-arti etc.**

**24/04/03** **MOZZJONI – 90-2013(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet din il-mozzjoni:**

*"Fuq talba tas-Segretarju Ezekuttiv u l-impjegati nipproponi biex dan il-Vacation Leave mhux mehud matul din is-sena 2013 sabiex ikun akkumulat ghas-sena 2014 ( Regolamenti Rizorsi Umani 10(1).*

| | | |
|---|---|---|
| *Kenneth Brincat* | *Segretarju Ezekuttiv* | *96 siegha* |
| *Marilyn Baldacchino Gatt* | *Assistent Principal* | *80 siegha* |
| *Ritienne Sammut* | *Assistent Principal* | *96 siegha* |
| *Maria Lewis* | *Assistent Principal* | *30 siegha* |
| *Bernice Darmanin* | *Assistent Principal* | *10 siegha* |
| *Roberta Mizzi* | *Skema* | *8 siegha"* |

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Ħdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova il-mozzjoni 90-2013 (VI).**

**24/04/04** **MOZZJONI – 91-2013(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet din il-mozzjoni:**

*"Peress li l-kuntratt ghall-Manutenzjoni ta' bankini moghti lill-Road Maintenance Services Ltd, kien moghti ghal sena, liema perjodu jiskadi fil-31 ta' Ottubru 2013, nipproponi biex dan il-kuntratt jigi mgedded ghal perjodu ta' tnax il-xahar iehor."*

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** issekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Ħdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova il-mozzjoni 91-2013 (VI).**

**24/05 RAPPORTI**

**24/05/01 SEJĦA TAL-OFFERTI : TINDIF TAL-UFFIĊĊJU U L-LIBRERIJA REĠJONALI**

Is-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar Ġimgħa 16 ta' Lulju 2013 u kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar l-Erbgħa 19 ta' Lulju 2013, liema sejħa għalqet nhar il-Ġimgha 23 ta' Awwissu 2013 fl-12.00pm.

Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fit-23 ta' Awwissu 2013, mill-Assistent Prinċipal Marilyn Baldacchino Gatt, fil-preżenza tas-Sindku Rosianne Cutajar, il-Kunsilliera Ralph Puli u Charles Farrugia.

Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva seba' (5) offerti.

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Bessie Tanti | € 6.99 |
| 2. | JF Services Ltd | € 6.79 |
| 3. | Dimbros Ltd | € 6.58 |
| 4. | Gafa Saveway Cleaners Ltd | € 6.15 |
| 5. | Ramona Agius | € 8.00 |

Il-Bord kien kompost mis-Sindku Rosianne Cutajar u mill-Kunsilliera Ralph Puli, Margaret Mercieca, Antoine Saliba Haig u Sean Meli.

Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq rapport fejn kien jindika li l-ispiża tal-Kunsill ibbazata fuq l-orħos offerta *technical* u *administrative compliant*, tkun akbar milli kieku l-Kunsill kellu jimpjega persuna biex jagħmel l-istess servizz fuq bazi *part-time* fi Skala 18.

**Għaldaqstant il-Kunsill qabel unanimament biex l-offerta taqa' u minflok il-Kunsill jibda l-procedura biex jimpjega General Hand (Cleaner) fuq bazi *part-time* fl-ogħla notch tal-iskala 18.**

**DOK "B"**

**24/05/02 APPROVAZZJONI TAL-QUARTERLY FINANCIAL REPORT GHALL-PERJODU JANNAR – SETTEMBRU 2013**

**Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat** ressaq ir-rapport finanzjarju tat-tielet kwart tas-sena, jigifieri għall-perjodu li jagħlaq fit-30 ta' Settembru 2013.

Wara li l-Kunsill iddiskuta dan ir-rapport fejn ġie innutat li l-Kunsill naqqas l-ispiza f'certu setturi, anke permezz ta' bdil f'numru ta' kuntratti, **is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' dan ir-rapport. **Il-Kunsillier Jason Busuttil** issekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Ħdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova il-Quarterly Financial Report għall-perjodu li jagħlaq fit-30 ta' Settembru 2013.**

**DOK 'C'**

**24/05/03 GĦAŻLA TA' KWOTAZZJONIJIET: ONLINE STREAMING**

Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat ressaq rapport tekniku dwar l-erba' offerti li gew sottomessi sad-data tal-gheluq tal-4 ta' Ottubru 2013.

Wara li saret evalwazzjoni ta' dan ir-rapport tekniku, fuq mozzjoni mressqa mis-**Sindku Rosianne Cutajar** u ssekondata mill-**Kunsillier Sean Meli**, il-Kunsill approva unanimament li jagħzel l-orħos kwotazzjoni, dik mitfugħa minn SmartICT, bil-prezz ta' Eur 2120 (għall-ewwel sena u maintanence agreement eskluz), peress li din kienet administrative u technical compliant.

Il-Kunsill għandu jgħaddi id-dokument tal-kwotazzjoni magħzula lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għall-approvazzjoni qabel joħroġ l-ittra ta' aċċettazzjoni.

**DOK 'D'**

**24/06 KORRISPONDENZA**

**24/06/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'E1-4'**

1. Ittra mill-Green MT fejn infurmat lill-Kunsill li mhijiex interessata li ġġedded il-kuntratt tagħha mal-Kunsill Lokali u li se tieqaf milli tkompli tagħti servizz mill-21 ta' Jannar 2014 sabiex l-Kunsill jingħata ċans tagħmel arranġamenti ma' kumpanija oħra tal-iskema. Il-Kunsill Lokali diġa kkuntattja lill-kumpanija l-oħra tal-iskema u għandha ssir laqgħa fil-ġranet li ġejjin.
2. Korrispondenza mill-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura dwar il-proġett ta' kontra l-għargħar u l-iskeda ta' xogħlijiet. Il-Kunsill ħa nota.
3. Korrispondenza minn Gal Xlokk dwar il-mizura 413.A5 fejn il-Kunsill ġie infurmat li l-applikazzjoni għat-tisbiħ tas-soft area fi Triq is-Sajf mhijiex eleġibbli, filwaqt li l-applikazzjoni ta' tisbiħ ta'

Sqaq Awzara kien għad jonqos li jintbagħat il-permess DNO tal-MEPA.

4. Pjanta dwar talba għal no objection biex is-soft area li hemm fil-junction bejn Triq l-Imdina u Triq Guze Duca tintuza minn ristorant sabiex ipoġġi mwejjed u siġġijiet. Il-Kunsill innota li din it-talba trid issir lil *Transport Malta* peress li dik hija triq arterjali u l-Kunsill m'għandux ġurisdizzjoni fuqha.

5. Dwar pjanti ġodda biex jinħareġ il-permess tal-MEPA għall-pompa tal-petrol fi Triq Ħal Luqa, il-Kunsill Lokali sostna li għandu jikteb lill-MEPA li huwa ma jaqbilx li jinbidel t-*traffic management* preżenti kif fil-fatt kien diġa ressaq quddiem *Transport Malta* u kien ġie aċċettat li jkun hemm l-istess *traffic management* li hemm preżentament. Il-Kunsill Lokali qabel unanimament sabiex joġġezzjoni dwar bdil fit-*traffic management*.

**24/07 INFORMAZZJONI**

**24/07/01** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ressaq quddiem il-Kunsill rendikont ta' korsijiet li nżammu mill-Kunsill f'din is-sena skolastika 2013-2014 fejn saru aktar minn għoxrin kors f'materji differenti u li għalihom attendew 629 ruħ.

**24/07/02** **Il-Kunsillier Jason Busuttil** informa lill-Kunsill li ġie avviċinat minn Bronk Productions li infurmawh li se jkun organizzat *Musical* ġewwa l-lokalita tagħna.

**24/07/03** **Il-Kunsillier Jason Busuttil** xtaq jirrimarka li l-Ghaqda tan-Nar 23 ta' April se torganizza Christmas Village fi Triq il-Kbira li suppost għandha tkun imzejna bid-dawl mill-Kumitat Festi Esterni, liema dawl huwa sussidjat mill-Kunsill u li mhuwiex wieħed sodisfaċenti. Il-Kunsill qabel li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-Kumitat Festi Esterni dwar dan.

**24/08 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 14 ta' Jannar 2014 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-08:15 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| Rosianne Cutajar | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2013.
(Jum) (Data) (Xahar)